**178. L-Onor Roderick Galdes jipproponi:**

Peress li l-Avviż Legali numru 356 tal-2010 qed idaħħal tariffi ġodda għall-applikazzjonijiet tal-iżvilupp skond l-Att dwar I-Ippjanar tal-Iżvilupp b'effett immedjat;

Peress li filwaqt li jeżisti qbil dwar il-bżonn ta' ħarsien minn *overdevelopment,* dawn it-tariffi huma sempliċement taxxa ġdida u sproporzjonata mmirata biex il-Gvern jiġbor aktar flus, u li għalihom se jħallsu l-familji, koppji żgħażagħ, ħaddiema u *middle class*;

Peress li l-argument li dawn it-tariffi se jolqtu biss lill-iżviluppaturi mhijiex kredibbli, u li l-ispejjeż fl-aħħar mill-aħħar se jgħaddu u jolqtu lill-familji;

Peress li filwaqt li qabel l-elezzjoni ġenerali l-Gvern kien jitkellem dwar il-kuxjenza soċjali u l-bżonn ta' sussidji, u issa biddel totalment il-verżjoni tiegħu;

Peress li żgur li issa mhux il-waqt li wieħed ikompli jgħabbi aktar piżijiet fuq il-familji, l-intrapriżi u l-ekonomija;

Peress li l-Gvern daħħal dawn it-tariffi mingħajr ebda konsultazzjoni mal-i*stakeholders* prinċipali filwaqt li dawn ir-rati eċċessivi qatt ma ssemmew fil-proċess tar-riforma tal-MEPA;

Peress li dawn it-tariffi l-ġodda huma fil-maġġoranza tagħhom eċċessivi, u fil-biċċa l-kbira soċjalment inġusti li se jitfgħu piżijiet ġodda fuq il-familji Maltin u Għawdxin fosthom dawk il-persuni li se jixtru jew jirranġaw l-ewwel dar tagħhom;

Peress illi dawn it-tariffi se jaffettwaw familji bi dħul medju u baxx li jkollhom bżonn jagħmlu alterazzjonijiet fid-djar li jgħixu fihom;

Peress li jirriżulta li dawn il-ħlasijiet mhux minnu li se jagħmlu tajjeb għal protezzjoni tal-ambjent iżda qed jiġu imposti bħala taxxa oħra;

Peress li t-tmexxija tal-MEPA wasslet għal żbilanċ finanzjarju ta' kull sena minħabba ineffiċjenzi, burokrazija żejda u nuqqas ta' ppjanar;

Peress illi l-Gvern sabha faċli li jaħfer miljuni kbar ta' Euro lill-żviluppaturi li ħammġu l-ambjent u kisru kundizzjonijiet matul dawn l-aħħar sena iżda issa ma sabhiex diffiċli li jitfa' dan il-piż ta' taxxi fuq il-familji Maltin u Għawdxin;

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-Parlament għandu jirrevoka, iħassar u jannula l-Avviż Legali numru 356 tal-2010.

Fl-istess waqt iħeġġeġ lill-Gvern biex jikkonsulta lill-i*stakeholders* kollha, jagħmel l-istudji neċessarji dwar l-impatt u jdaħħal tariffi li jkunu ekonomikament, ambjentalment u soċjalment ġusti.

12.10.10